VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,727, 14 ta' Frar, 2017
Taqsima B

A.L. 58 tal-2017

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2016 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 (3) u 79 (b) ta' dak l-Att:

It-Titlu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2016 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-2013 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Medicine and Surgery - M.D. - ippubblikati bħala Avviż Legali 310 tal-2013, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara.

L-Emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Applikabbli għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2018 jew wara:**

(2) L-applikanti li japplikaw għad-dħul fil-Kors għandhom, barra li jissodisfaw ir-rekwiżiti għad-dħul bħala studenti regolari skont ir-Regolamenti għad-Dħul, jissodisfaw ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors li ġejjin:

(a) għaddew bi Grad B jew aħjar fil-Livell Avanzat tal-Eżami tal-Matrikola fil-Bijoloġija u fil-Kimika; u

VERŻJONI ELETTRONIKA

(b) għaddew bi Grad B jew aħjar fil-Livell Intermedju tal-Eżami tal-Matrikola fi kwalunkwe suġġett ħlief fix-Xjenza Ambjentali u fl-Oqsma tal-Għerf,
sakemm li r-riżultati kollha f'dawn ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors ikunu miksuba flimkien f'sessjoni waħda tal-eżamijiet (jiġifieri f'seduta waħda) u jkunu miksuba minn bordijiet tal-eżamijiet rikonoxxuti mill-istess pajjiż, u

(ċ) (i) l-applikanti Maltin li, skont il-paragrafu (5) tar-regolament 12 tar-Regolamenti għad-Dħul, 2016 huma eżentati milli jkollhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-Malti huma meħtieġa li jippreżentaw iċ-Ċertifikat ta' Kompetenza fil-Malti Mediku mogħti mill-Università ta' Malta qabel il-bidu tal-Kors; u

(ii) l-applikanti mhux Maltin huma meħtieġa li jippreżentaw iċ-Ċertifikat ta' Kompetenza fil-Malti Mediku mogħti mill-Università ta' Malta, jew li jgħaddu mit-taqsima studju fil-Malti Mediku bħala parti mill-Kors għas-Certificate in Medical Foundation Studies, qabel il-bidu tal-Kors,
sakemm li l-applikanti li jippreżentaw kwalifiki barranin u li jkunu għaddew fl-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja fil-Malti għandhom ikunu eżentati milli jippreżentaw iċ-Ċertifikat ta' Kompetenza fil-Malti Mediku.

Iċ-Ċertifikat ta' Kompetenza fil-Malti Mediku huwa meħtieġ kemm għad-dħul fl-Ewwel Sena, kif ukoll għad-dħul fit-Tielet Sena tal-Kors."